VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,094, 31 ta' Mejju, 2013
Taqsima B

A.L. 152 tal-2013

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2013 li jemendaw ir-Regoli dwar Persuni li jkollhom Kwalifiki Għolja

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 56(21) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli tal-2013 li jemendaw ir-Regoli dwar Persuni li jkollhom Kwalifiki Għolja, u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Persuni li jkollhom Kwalifiki Għolja, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali". L.S. 123.126

(2) Dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2012.

Temenda l-Iskeda li tinsab mar-regoli prinċipali.

2. Fil-paragrafu (b) tal-Iskeda li tinsab mar-regoli prinċipali minflok il-kliem "*Aviation Continuing Airworthiness Inspector*, *Aviation Flight Operations Inspector* u" għandhom jidħlu l-kliem "*Aviation Continuing Airworthiness Manager*, *Aviation Flight Operations Manager*," u minnufih wara l-kliem "*Aviation Training Manager*" għandhom jiżdiedu l-kliem "u *Aviation Ground Operations Manager*".